MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2006

Appell Civili Numru. 197/1996/2

**Theresa sive Tessie Scicluna f'isimha proprju u bhala kuratrici ta' l-interdett Anton Scicluna, u b'digriet tat-18 ta' Novembru 2000 l-istess Theresa siveTessie Scicluna
giet nominata kuratrici sabiex tirrapprezenta l-eredita` ta' Anton Scicluna li miet fil-mori tal-kawza**

**v.**

**George u Maria Assunta konjugi Debrincat.**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

1.1. L-attrici proprio et nomine interponiet appell minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri Civili fis-7 ta' Marzu 2003 ghall-fini tar-revoka taghha bl-akkoljiment tat-talbiet taghha kif dedotti fl-att tac-citazzjoni, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellati.

1.2. Is-sentenza appellata ddecidiet kif gej:-
"Il-Qorti,

"Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attrici proprio et nomine, wara li ppremettiet :

"Illi missier il-kontendenti ahwa Scicluna, Nicola Scicluna miet fl-24 ta' April, 1964 b'testment tal-4 ta' Dicembru, 1958 atti Nutar John Busuttil li bih istitwixxa bhala eredi tieghu liz-zewg uliedu, l-attrici u lill-konvenuta Maria Assunta Debrincat ;

"Illi din l-istituzzjoni ta' eredi kienet soggetta ghal zewg kundizzjonijiet, li wahda minnhom kienet li z-zewg eredi kellhom jipprestaw fi kwalunkwe zmien f'darhom l-alimenti necessarji lil huhom Anton, li kien inkapacitat u jipprovdulu l-kuri kollha li jkollu bzonn u dana barra li jipprovdulu dawn il-kuri u assistenzi kif ukoll l-abitazzjoni fid-dar fejn kien joqghod nru 28, 29, 30 Pjazza Sabina; Victoria, bil-kantina li hemm maghha ;

"Illi minn meta miet Nicola Scicluna fil-1964 il-konvenuta Maria Assunta u zewgha qatt ma hadu hsieb lil Anton Scicluna jew ipprestawlu ebda assistenza jew alimenti, imma hadet hsiebu biss l-attrici proprio ;

"Illi ghalhekk il-konvenuta kisret il-kundizzjoni espressa ta' missierha ghall-istituzzjoni ta' eredi taghha u ghalhekk iddekadiet minn eredi, ghalhekk is-sehem taghha mill-eredita' ta' missierha, Nicola Scicluna, ghadda ex lege fuq iz-zewg hutha l-ohra, l-attrici proprio u Anton Scicluna;

“Illi mhux biss il-konvenuti qatt ma hadu l-icken kura ta’ Anton Scicluna imma fl-1994 minghajr ma raw x’sa jsir minnu, ghamlu citazzjoni, “Citazz. Nru 105/94 George Debrincat et – vs – Theresa Scicluna” u minghajr anqas biss ma esibew kopja tat-testment ta’ Nicola Scicluna, ottenew sentenza fid-9 ta’ Novembru, 1995 li biha gie ordnat il-bejgh in licitazzjoni tad-dar fi Pjazza Sabina liema licitazzjoni b’digriet ta’ din il-Qorti tal-14 ta’ Gunju, 1996 giet iffissata ghad-9 ta’ Dicembru, 1996 ;

“Illi fl-14 ta’ Awissu, 1996 l-istess konvenuti ottenew illegalment mandat ta’ zgumbrament kontra l-attrici proprio, mandat nru 625/96; wara semplici rikors biex il-Qorti taghti terminu lill-attrici biex tizgombra nonostante li kienu jafu li jekk dan jigi esegwit Anton Scicluna kien sa jsib ruhu fit-triq tant illi girien taghhom offrew lill-attrici li jospitawhom f’post taghhom temporanjament sakemm isibu fejn idahhlu rashom;

“Illi kif jidher car mit-testment ta’ Nicola Scicluna, kemm l-attrici kif ukoll il-konvenuta kienu obbligati li jipprestaw lil huhom Anton Scicluna l-alimenti, servizzi u kura kollha li kellhom bzonn f’kull zmien cioe’ sakemm imut, fid-dar fejn ghex u trabba ta’ Pjazza Sabina u jekk ikun hemm bzonn anki f’darhom ;

“Illi l-kundizzjoni testamentarja fuq imsemmija ta’ Nicola Scicluna tammonta wkoll ghal kostituzzjoni tad-dritt ta’ abitazzjoni favur Anton Scicluna fuq il-fond ta’ Pjazza Sabina, liema dritt ta’ abitazzjoni z-zewg eredi huma obbligati li jirrispettaw sakemm jibqa haj Anton Scicluna altrimenti jiddekadu mill-pozizzjoni taghhom ta’ eredi ;

“Illi l-konvenuta lanqas ma rrispettat dan l-obbligu impost fit-testment ta’ missierha u hija ddekadiet min-nomina taghha ta’ eredi ta’ missierha anki ghal din ir-raguni ;

“Illi ghalhekk ma setghetx tigi ordnata l-licitazzjoni tal-post ta’ Pjazza Sabina, minghajr ma jigi riservat dan id-dritt ta’ abitazzjoni favur Anton Scicluna, u minghajr ma tigi investita l-kwistjoni jekk fil-fatt Maria Assunta Debrincat

kienitx jew le eredi ta' missierha, is-sentenza tad-9 ta' Novembru, 1995 fil-kawza "George Debrincat et – vs – Theresa Scicluna" hija nulla ghaliex tilledi d-drittijiet ta' terzi, anzi ta' persuna mentalment inkapacitata u l-porzjonijiet tal-koproprjetarji tal-fond ta' Pjazza Sabina huma zbaljati. Dan imur kontra l-principji fondamentali kollha tal-gustizzja;

"Illi Anton Scicluna minhabba l-istat mentali tieghu ma setax jiddefendi d-drittijiet tieghu u ma kien hemm hadd biex jissalvagwardalu dawn id-drittijiet billi dana gie interdett u giet nominata kuratrici tieghu l-attrici bid-digriet tal-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja Numru 79/96PC tat-23 ta' Lulju, 1996, - ma setghux jittiehdu passi gudizzjarji a tempo vergine u ghalhekk qeghda ssir din ic-citazzjoni f'dan l-istadju.

"Talbet lill-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandux :

1. Jigi dikjarat u deciz minn din il-Qorti illi l-Artikolu 6 tat-testment ta' Nicola Scicluna tal-4 ta' Dicembru, 1958 atti Nutar John Busuttil bl-ewwel kondizzjoni oltre li jistabilixxu l-obbligu fuq iz-zewg eredi nominati, cioe' l-attrici Tessie Scicluna u l-konvenuta Maria Assunta mart George Debrincat li jipprestaw l-kura, alimenti, u servizzi lil huhom Anton Scicluna fid-dar nru 28, 29, 30 Pjazza Sabina bil-kantina kif ukoll jekk ikun il-kaz f'darhom, jikkostitwixxi dritt ta' abitazzjoni fuq l-istess dar favur l-istess Anton Scicluna li z-zewg eredi huma obbligati li jirrispettaw fi kwalunkwe zmien sakemm idum haj l-istess Anton Scicluna;

2. Jigi dikjarat u deciz minn din il-Qorti illi l-konvenuta Maria Assunta Debrincat;

a. ma pprestatx l-kura, servigi u assistenzi ghat-termini ta' l-istess testment lil Anton Scicluna u

b. li bil-kawza li ghamlet flimkien ma' zewgha, il-konvenut George Debrincat, fl-ismijiet "George Debrincat et –vs- Theresa sive Tessie Scicluna" Citazz: 105/95 PC deciza fid-9 ta' Novembru 1995 u bil-mandat ta' zgumbrament li nhareg fuq it-talba taghha u ta' zewgha

Nru. 625/96 hi ppruvat tiddepriva lil huha mid-dritt ta’ abitazzjoni fuq id-dar ta’ Pjazza Sabina;

3. Konsegwentement ghaliex ma ghandux jigi dikjarat u deciz illi l-istess konvenuta Maria Assunta Debrincat ddekadiet mill-istat taghha ta’ eredi ta’ missierha u ghalhekk is-sehem taghha mill-istess eredita’ ghadda ex lege fuq l-attrici u huha l-interdett Anton Scicluna fi kwoti indaqs bejniethom;

4. Ghaliex ma ghandu jigi dikjarat u deciz illi s-sentenza tad-9 ta’ Novembru 1995 fil-kawza fuq imsemmija Citaz: Nru. 105/95PC fl-ismijiet ‘George Debrincat et –vs- Theresa Scicluna’, hija nulla u bla ebda effett ghaliex tivvjola d-dritt ta’ abitazzjoni li ghandu fuq id-dar 28, 29, 30, Pjazza Sabina, Victoria bil-kantina maghha, l-attur Anton Scicluna kif ukoll ghaliex il-konvenuta Maria Assunta Debrincat iddekadiet mill-pozizzjoni taghha ta’ eredi u ghalhekk l-kwota tal-fond li giet dikjarata li tappartjeni lilha hija hazina:

5. konsegwentement ghaliex ma ghandhomx jigu annullati u dikjarati bla ebda effett u revokati :

a. is-subbasta ta’ l-istess dar fi Pjazza Sabina, Victoria ordnata ghad-9 ta’ Dicembru 1996 bid-digriet tal-14 ta’ Gunju 1996,

b. il-mandat ta’ zgumbrament numru 625/96;

c. jekk ikun il-kaz id-digriet ta’ din il-Qorti tad-9 ta’ April 1996 li bih il-Qorti tat lill-attrici tlett xhur zmien biex tizgombra mill-fond.

“Bl-ispejjez u l-VAT u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

“Rat id-dikjarazjoni tal-fatti ta’ l-attrici proprio et nomine ikkonfermata bil-gurament taghha.

“Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li eccepew illi :

1. Preliminarjament in-nullita` tat-talbiet attrici minhabba konfuzjoni ta' diversi azzjonijiet bejn partijiet diversi f'kawza wahda. Infatti fl-ewwel lok l-attrici qeghda taghmel kawza biex tiddikjara li l-konvenuta ddekadiet mill-eredita` ta' missierha. F'din il-vertenza ghandhom interess biss l-attrici personalment u l-konvenuta. L-attrici qeghda tagixxi wkoll bhala kuratrici ta' huha biex jigi ddikjarat li huwa ghandu d-dritt ta' abitazzjoni fuq id-dar fi Pjazza Sabina u li l-proceduri gudizzjarji msemmija huma nulli.

2. Preliminarjament ukoll in-nullita` ta' l-azzjoni attrici in kwantu jirrigwarda l-interess ta' l-attrici personalment peress illi b'din il-kawza l-attrici qeghda tipprova terga' tqanqal kwestjonijiet li dwarhom hemm sentenza definittiva meta l-unika mod kif din setghet terga' tiftah id-dibattiment kien strettament u fil-limiti tar-regoli ta' ritrattazzjoni ta' kawzi.

3. Illi inoltre t-talba dwar id-dekadenza tad-drittijiet ereditarji tal-konvenuta favur sew l-attrici u kif ukoll favur Anton Scicluna hija nulla u minghajr ebda validita` legali billi anki kieku kien hemm xi gustifikazzjoni f'dak allegat id-dekadenza kienet issir biss skond ir-regoli ta' l-akkrexximent, jigifieri favur l-eredi l-ohra, l-attrici personalment u mhux favur Anton Scicluna wkoll. Evidentement pero` l-attrici qeghda tipprogetta fuq quddiem lill-interdett Anton Scicluna ghaliex b'hekk qeghda tippretendi li tibbenefika personalment.

4. Illi l-konvenuti qeghdin jikkontestaw l-interpretazzjoni li qeghdha tigi moghtija mill-attrici lit-testment kkwotat minnha, fis-sens illi l-hatra ta' eredi kienet assoggettata ghall-kundizzjoni tas-servizzi lil Anton Scicluna.

5. Illi fil-mertu u minghajr ebda pregudizzju t-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt. Infatti din il-kawza ma hix ghajr tentattiv malizzjuz da parti ta' l-attrici sabiex tirrezisti l-effetti tat-transazzjoni milhuqa fl-atti tal-kawza fl-ismijiet Assunta Debrincat et – vs – Theresa sive Tessie xebba Scicluna (Cit. Nru. 157/1991) u tas-sentenza tad-disgha

(9) ta’ Novembru ta’ l-elf disa’ mija u hamsa u disghin (1995) fil-kawza fl-ismijiet “George Debrincat et – vs – Theresa sive Tessie Scicluna” (Citaz. Nru. 105/1995) u ta’ l-atti gudizzjarji sussegwenti.

6. Illi certament ma hux moghti lill-attrici l-jedd li tqanqal din il-vertenza wara li hija nnifisha minn jeddha accettat il-jeddijiet tal-konvenuta fuq il-fond fuq imsemmi u rrinunzjat ghall-pretensjonijiet kollha taghha f’dan ir-rigward u sahansitra kienet waslet biex tbiegh l-istess fond flimkien mal-konvenuti.

7. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess l-eccipjenti jichdu bl-iktar mod kategoriku li huma qatt naqsu li jirrendu servizzi, u assistenzi lil Anton Scicluna. Infatti ghal bosta snin, meta r-relazzjonijiet bejn il-partijiet kienu intimi ghall-ahhar il-konvenuti kienu jirrendu servizzi mhux biss lil Anton Scicluna izda wkoll lil attrici nnifisha. Tajjeb jigi osservat li minkejja l-interdizzjoni tieghu, Anton Scicluna ma (sic) huwa bniedem fizikament f’sahhtu u kapaci b’certi limitazzjonijiet anki jiehu kura tieghu nnifsu.

8. Illi l-attrici qeghda ghall-iskopijiet taghha tikkwota hazin it-testment ta’ Nicola Scicluna billi ma hux minnu li dan halla b’legat lil Anton Scicluna xi dritt ta’ abitazzjoni fuq id-dar fi Pjazza Sabina. Kuntrarjament ghal dak allegat l-unika ordni ta’ Nikola Scicluna kienet li l-eredi tieghu kellhom jipprestaw is-servizzi lil Anton Scicluna inkluz li jircevuh f’darhom.

9. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess it-talbiet attrici ma jsegwux mill-premessi billi anki kieku kien hemm xi jedd ta’ abitazzjoni favur Anton Scicluna, dan la jintitolah ghall-partecipazzjoni f’kawza ta’ divizjoni tal-proprjeta’ innifisha u wisq inqas li jitlob id-dikjarazzjoni tan-nullita` ta’ xi proceduri li fihom huwa ma kienx parti.

10. Illi certament Nicola Scicluna ma setghax jikkostitwixxi favur Anton Scicluna xi jedd ta’ abitazzjoni meta huwa kellu biss in-nofs indiviz tad-dar imsemmija.

“Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuti mahlufa minn George Debrincat.

“Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi d-dokumenti esebiti u l-verbali tax-xhieda mismugha.

“Rat ukoll l-atti tal-kawzi citati : “Assunta Debrincat et. v. Theresa sive Tessie xebba Scicluna” (Citaz. Nru. 157/1991) transatta f’Awissu 1993, u “George Debrincat et. vs. Theresa sive Tessie Scicluna” (Citaz. Nru. 105/1995) deciza minn din il-Qorti fid-9 ta’ Novembru 1995.

“Rat in-noti ta’ l-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

“Ikkunsidrat :

“Illi din hija t-tielet kawza *in fila* bejn il-kontendenti rigwardanti l-eredita’ provenjenti lilhom minghand missierhom. L-ewwel kawza kienet giet tranzatta meta Tessie Scicluna kienet irrikonoxxiet lil ohtha Assunta Debrincat bhala ko-eredi ta’ missierha. Bit-tieni kawza din il-Qorti kienet ordnat il-bejgh in licitazzjoni tal-fond ippossedut in komun bejn il-kondividenti. Fil-kawza presenti, bid-differenza ghall-kawzi precedenti, l-attrici qed tidher ukoll f’isem huha interdett Anton Scicluna, li ma kienx rapprezentat fil-proceduri l-ohra, u issa wara l-mewt tieghu fil-mori tal-kawza, ghall-interessi ta’ l-eredita` tieghu. Hija tikkontendi illi s-sentenza msemmija ta’ din il-Qorti mhix valida ghax ma tiehux in konsiderazzjoni la ta’ l-interessi ta’ l-interdett u lanqas ta’ dak li kien gie stipulat fit-testment ta’ missierha.

“Imma l-kawza prezenti ma saritx mill-attrici semplicement biex thares l-interessi ta’ huha interdett, izda anke dawk proprji taghha, ghax kif jirrizulta mill-okkju tal-kawza, hija qed tidher ukoll f’isimha proprju. L-ewwel haga ghalhekk illi trid tistabilixxi din il-Qorti tirrigwarda l-possibilita’ *o meno* ta’ l-attrici li terga’ tippromwovi f’isimha proprju kawza ohra biex tikkontesta dak li ghadda in gudikat. L-attrici, li la kienet appellat u lanqas talbet ir-ritrattazzjoni

tal-kawza li biha kien gie deciz minn din il-Qorti illi l-fond ippossedut fi kwoti ugwali bejn l-ahwa Tessie Scicluna u Assunta Debrincat kellu jingieb in licitazzjoni, issa qed tikkontendi illi l-istess Assunta Debrincat kienet iddekadiet mid-drittijiet ereditarji taghha ghax ma kenitx osservat il-kondizzjonijiet stipulati fit-testment ta' missierhom rigwardanti s-servigi li kellhom jigu resi lil huhom interdett.

"Kif tajjeb jirrilevaw il-konvenuti fin-nota ta' l-osservazzjonjiet taghhom : "*Kieku din l-onorabbli* Qorti *kellha taccettta li tikkunsidra l-ilment ta' l-attrici allura tkun qed tammetti rimedju oltre dak ta' l-appell u ritrattazzjoni*" (ara Nota a fol. 23) u kif gie kostantement ritenut mill-Qrati taghna:

"**Il-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili espressament jittratta biss dwar ir-rimedju ta' l-appell jew dak ta' ritrattazzjoni bhala mezzi moghtija lill-parti li jkollha interess li tattakka sentenza tal-Qorti u inoltre tistipula rigorosament it-termini ta' zmien li fihom dawn ir-rimedji jistghu jigu utilizzati. Wara l-iskadenza taz-zmenijiet stabiliti s-sentenza tigi mbaghad definita bhala wahda definittiva**." (Alfred Cauchi vs Louis Dimech et. : 12.3.1993) ; u

"**Il-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jaghti lill-parti rimedju ta' appell u ritrattazzjoni bil-mezzi u modalitajiet imsemmija fl-Artikolu 811 ta' l-istess Kodici. Ma hemm l-ebda referenza ghall-possibilita' li sentenza tista' tigi attakkata b'xi mod iehor oltre dak moghti bl-istess procedura** (Maria Assunta Mercieca vs. Celestino Grech, Appell : 10.10.2000).

"Is-sentenza attakkata kienet stabiliet illi d-dar bin-numru 28 Pjazza Sabina Victoria, Ghawdex, kellha tinbiegh u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn l-ahwa Tereza Scicluna u Assunta Debrincat bhala komproprjetarji, u dana a bazi tat-transazzjoni milhuqa bejniethom fil-kawza precedenti fuq citata. Zgur ghalhekk illi issa, anke tenut kont tal-gurisprudenza in materja, l-attrici ma tistghax terga' tqanqal kwistjonijiet godda dwar xi haga li kienet giet deciza b'mod definittiv minn din il-Qorti. Ghaldaqstant

safejn l-azzjoni prezenti hija ttentata biex l-attrici proprio takkwista xi drittijiet fuq l-eredita` ta’ missierha oltre dawk ikkunsidrati fis-sentenza kontestata, ma tistax tirnexxi.

“Jibqa’ ghalhekk sabiex jigi kkunsidrat jekk l-interdett kellux xi drittijiet li gew injorati f’dik is-sentenza. L-attrici nomine tikkontendi illi huha interdett kellu dritt ta’ abitazzjoni fuq id-dar in kwistjoni, li kien gie stabilit fit-testment ta’ missieru in atti Nutar Dottor John Busuttil ta’ l-4 ta’ Dicembru 1958 (Dok. A anness mac-citazzjoni a fol. 9 –12). Fl-Artikolu 6 ta’ dan it-testment jinghad testwalment illi :

“It-testatur irid u jordna illi l-istituzzjoni ereditarja fuq imsemmija favur uliedu Assunta mart George Debrincat u Tessie Scicluna tigi subordinata ghal dawn il-kundizzjonijiet :

1. Illi l-istess eredi jkunu obbligati fi kwalunkwe zmien jipprestaw f’darhom l-alimenti necessarji lil huhom Antonio Scicluna, iben iehor tat-testatur u jipprodigawlu l-kuri kollha li jkollu bzonn u dana barra mill-abitazzjoni fl-imsemmija dar li tinsab fi Pjazza Sabina,Vittoria,Ghawdex.

2. Illi hadd mill-istess eredi ma jkun jista’ jbiddel l-istat attwali jew jibni mill-gdid l-imsemmija dar fi Pjazza Sabina jekk mhux bil-kunsens taz-zewg werrieta, ulied it-testatur, u dana matul l-ewwel ghaxar snin mill-mewt tat-testatur jew ta’ l-uzufruttwarju infraskritt skond min fosthom ikun is-superstiti.”

“L-attrici nomine tikkontendi illi l-ewwel kundizzjoni ta’ Artikolu hawn citat jistabilixxi favur l-interdett huha d-dritt ta’ abitazzjoni fid-dar ta’ Pjazza Sabina, u ghalhekk dan id-dritt qatt ma seta’ jigi njorat mill-Qorti meta giet biex taghti s-sentenza taghha tad-9 ta’ Novembru 1995. Imma apparti l-fatt illi d-dicitura uzata f’din il-kondizzjoni hija piuttost ambigwa u ma tghidx b’mod car illi tassew qed jigi stabilit dritt ta’ abitazzjoni favur Anton Scicluna, jibqghu ta’ ostakolu ghat-tezi ta’ l-attrici zewg kunsiderazzjonijiet legali, kif tajjeb jirrilevaw il-konvenuti fin-nota taghhom.

"(i) L-ewwelnett ma jistax jigi njorat il-fatt li jirrizulta mill-atti ta' din il-kawza u t-tnejn l-ohra msemmija illi Nicola Scicluna missier il-kontendenti ahwa Scicluna, ma kienx jipposjedi l-intier tal-proprjeta` tad-dar in kwistjoni, imma biss in-nofs indiviz taghha, ghax in-nofs l-iehor kien ta' huh Carmelo, li sussegwentement kien ittrasferih lill-istsss Tessie u Assunta ahwa Scicluna. Ghalhekk sabiex tali legat ta' hwejjeg haddiehor ikun validu fil-ligi, Nicola Scicluna kellu jsemmi dan il-fatt fit-testment tieghu, haga li ma ghamilx (art. 696.1 tal-Kap. 16).

"(ii) It-tieni ostakolu jirrigwarda l-formalitajiet rikjesti mil-ligi f'kaz ta' tgawdija temporanja fuq hwejjeg haddiehor (art. 352 Kap. 16). Gialadarba fit-testment ta' Nicola Scicluna ma jissemma xejn dwar ezenzjoni mill-kawzjoni rikjesta mil-ligi, il-beneficcjarju kien obligat jippresta l-garanzija msemmija fil-ligi, haga li ma jirrizultax li saret f'dan il-kaz.

"Ghal dawn ir-ragunijiet ghalhekk ma jistax jinghad illi Anton Scicluna kellu xi dritt ta' abitazzjoni fuq id-dar in kwistjoni li kien jimmerita l-protezzjoni tal-Qorti, u ghalhekk it-talba ta' l-attrici f'dan ir-rigward lanqas ma tista' tintlaqa'.

"L-attrici ssostni wkoll illi ohtha l-konvenuta Assunta Debrincat ddekadiet minn sehemha mill-eredita' ta' missierha ghax ma osservatx il-kundizzjonijiet marbuta man-nomina taghha bhala ko-eredi tieghu, u cioe` illi hija flimkien ma' l-attrici tippresta servigi u kura lil huhom l-interdett Anton Scicluna. Apparti l-kunsiderazzjoni ta' jekk il-konvenuta kienitx gustifikata jew le ma tkomplix tirrendi servigi lil huha, bil-mod kif kienet taghmel qabel ma nqala' l-inkwiet bejn il-kontendenti u l-isfortuni li sabet ma' wiccha l-familja tal-konvenuti Debrincat, irid jigi qabel xejn kunsidrat jekk l-interdett kellux interess li jqajjem din il-kwistjoni fil-kawza prezenti. Gia gie stabilit illi Tessie Scicluna proprio din il-pretensjoni qatt ma setghet terga' tqajjimha fil-Qorti, u dana minhabba l-gudikat li kien stabilixxa li l-eredita' ta' Nicola Scicluna kellha tinqasam ugwalment bejn il-kontendenti Tessie u Assunta ahwa Scicluna.

"Jirrizulta mit-testment imsemmi ta' Nicola Scicluna li fuqu qed jigu bbazati l-pretensjonijiet prezenti, illi Anton Scicluna qatt ma gie nominat eredi ta' missieru. L-unici eredi kienu hutu l-bniet Tessie u Assunta. Huhom iehor Lino Scicluna thalla biss somma ta' flus ghas-saldu tal-legittima spettanti lilu. Issa anke jekk ghall-grazzja ta' l-argument biss, kellu jigi accettat illi l-konvenuta tassew iddekadiet mid-drittijiet ereditarji taghha fuq il-wirt ta' missierha, minhabba li ma osservatx il-kundizzjonijiet stipulati fit-testment tieghu, ma jistghax jinghad illi Anton Scicluna qatt seta' jibbenefika minn dan in-nuqqas ta' ohtu. Dan ghaliex il-ligi taghti d-dritt ta' akkrexximent lill-eredi l-ohra f'kaz illi xi hadd mill-eredi jitlef id-dritt ghal sehmu mill-eredita' (art. 737 Kap. 16). Tali akkrexximent fil-kaz taghna kien ghalhekk jibbenifika biss lill-attrici proprio, imma din, kif rajna aktar 'l fuq, kienet gia rrinunzjat ghal kwalunkwe drittijiet li setghet qatt akkwistat bid-dekadenza da parti ta' ohtha meta rrikonoxxiet lill-konvenuta bhala ko-eredi ndaqs taghha fl-okkazjoni tat-transazzjoni ta' l-ewwel kawza ta' bejniethom. L-istess rinunzja kompliet imbaghad tinghata izjed effett bis-sentenza fit-tieni kawza meta, a bazi ta' dik it-transazzjoni, gie deciz illi d-dar fi Pjazza Sabina, ipposseduta in komun bejn il-kontendenti Tessie Scicluna u Assunta Debrincat, kellha tinbiegh in licitazzjoni sabiex ir-rikavat jinqasam ugwalment bejniethom.

"Ghaldaqstant jirrizulta illi l-konvenuti huma gustifikati fl-eccezzjonijiet taghhom, u konsegwentement it-talbiet attrici sew proprio kif ukoll nomine ma jistghux jigu accettati.

"Ghal dawn il-motivi, tiddecidi l-kawza, billi filwaqt illi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-istess attrici proprio et nomine."

## L-APPELL TA' L-ATTRICI PROPRIO ET NOMINE

2.1. L-attrici pro et noe hassitha aggravata b'din is-sentenza u interponiet appell minnha fuq is-segwenti aggravji –

i) Il-kawza odjerna saret biex tattakka u tannulla s-sentenza moghtija fid-9 ta’ Novembru 1995 fil-kawza fl-ismijiet **G. Debrincat noe et v. T. Scicluna** (Cit nru – 105/94) u d-digrieti u l-mandati li hargu b’rizultat taghha. B’hekk wiehed irid jezamina c-cirkustanzi fil-mument li nghatat dik is-sentenza. Il-fatt li Anton Scicluna miet fil-mori ta’ din il-kawza ma ghandhiex tittiehed in konsiderazzjoni stante li l-mewt ta’ l-interdett ma tistax tivvalida sentenza li kienet nulla meta nghatat.

ii) Il-Qorti ta’ l-ewwel grad ibbazat id-decizjoni taghha fuq tlett artikoli tal-ligi civili. Apparti mill-fatt li dak li qalet il-Qorti ta’ l-ewwel grad fir-rigward l-Artikolu 696(1) u l-Artikolu 353 tal-Kap 16 ma setax jitqajjem mill-Qorti nfisha ghaliex il-konvenuti ma qajmux din l-eccezzjoni, dak li ntqal mhux korrett ghaliex hija njorat is-subinciz 2 ta’ l-Artikolu 696 u l-Artikoli 697 u 698 tal-Kap. 16 u l-Artikolu 353(c). Tghid li fil-kaz odjern in-nofs ta’ Carmelo Scicluna l-ewwel kien assoggettat ghall-istess legat ta’ abitazzjoni favur Anton Scicluna, u sussegwentment sar tal-kontendenti stante li dawn xtrawh minghand zijuhom. Ghalhekk anke kieku Carmelo Scicluna ma halliex d-dritt ta’ abitazzjoni lil Anton Scicluna, xorta japplikaw l-Artikoli 698 u 353(c) tal-Kap. 16. B’hekk il-konkluzjoni tal-Qorti tal-Prim Istanza li Anton Scicluna ma kellux dritt ta’ abitazzjoni fuq il-fond fi Pjazza Sabina li jimmerita l-protezzjoni tal-Qorti hija ghal kollox zbaljata.

iii) Dwar id-decizjoni tal-Qorti rigwardanti d-dekadenza o meno tal-konvenuta mill-kwalita` ta’ eredi ta’ missierha ghax naqset li tosserva l-kundizzjonijiet marbuta man-nomina, tilmenta li ghandhom jigu kkonsiderati zewg punti krucjali ossija jekk meta n-nomina ta’ eredi ssir taht kundizzjoni espressa jew tassattiva li ma tigix osservata mill-eredi jkunx hemm dekadenza awtomatika ta’ l-eredi mill-posizzjoni tieghu ta’ werriet in forza ta’ l-istess testment u jekk il-werrieta l-ohra jistghux imorru kontra tali dekadenza billi jaccettaw li l-werriet li jkun idekada jibqa’ kkunsiderat eredi in opposizzjoni tad-disposizzjoni cara tat-testatur. Tillanja li ma hemmx dubju dwar id-dekadenza ta’ l-appellata stante li Nicola Scicluna, fit-

testment tieghu kien assoggetta n-nomina ta' eredi ghall-kondizzjoni li dawn jiehdu hsieb huhom u jipprestawlu servigi tul hajtu, jew fid-dar fejn twieled u ghex, jew f'kaz ta' bzonn, f'darhom. Il-konvenuta, mhux talli naqset li tippresta servigi jew ghenet lil huha izda anke hadet passi biex tkun tista' tbiegh il-fond fejn kien qed jghix huha, minghajr ma kellu ebda abitazzjoni alternattiva, biex tiehu r-rikavat. Ma hemmx dubbju li t-testatur kien qed jahseb illi bid-disposizzjonijiet testamentarji li ghamel kien ipprovda bl-ahjar mod li seta biex jipprotegieh. Ghalhekk ried, bla dubju ta' xejn, illi min mill-werrieta ma josservax il-kondizzjonijiet imposti jiddekadi minn eredi.

2.2. Izzid tirrileva li l-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti li anke li kieku l-konvenuta kienet iddekadiet min-nomina ta' eredi, l-attrici kienet irrinunzjat ghal kwalunkwe dritt li setghet qatt akkwistat b'tali dekadenza bit-transazzjoni raggunta bejn il-partijiet fl-ewwel kawza li saret, hija zbaljata. Dan ghaliex tali transazzjoni hija nulla u bla effett ghas-segwenti ragunijiet –
a) la l-konvenuta u lanqas il-Qorti ma tista' thassar jew tinjora l-kundizzjoni tassattiva tat-testatur, li assoggetta n-nomina ta' eredi ghal obbligu specifiku li l-konvenuta naqset li tosserva;

b) transazzjoni fuq fondi immobiljari u ereditajiet hija nulla meta ma ssirx b'att pubbliku;

c) L-Artikolu 740 tal-Kodici Civili jipprovdi li meta jkun hemm lok ghad-dritt ta' akkrexximent, l-eredi jew legatarju ma jistax jirrinunzja ghas-sehem li jizdied minghajr ma jirrinunzja ghas-sehem tieghu stess.

2.3. Dan ifisser li meta l-konvenuta ddekadiet min-nomina ta' eredi sehemha ghadda bl-operat tat-testment ta' Nicola Scicluna u ta' l-Artikolu 737 favur l-appellanti u l-ebda haga li setghet ghamlet l-appellanti ma setghet tirrimedja ghal dan. B'hekk meta giet intavolata l-kawza fl-ismijiet **George Debrincat et v. Theresa Scicluna**, deciza fid-9 ta' Novembru 1995 li ordnat il-bejgh in licitazzjoni tal-fond fi Pjazza Sabina, l-interdett Anton Scicluna kellu d-dritt ta' abitazzjoni fuq il-fond u l-appellata kellha kwart u mhux

nofs il-fond ghaliex iddekadiet mill-eredita` ta' missierha u s-sehem taghha akkrexxa favur l-appellanti.

Issostni li l-Qorti ma kenitx korretta meta qalet li s-sentenza tad-9 ta' Novembru 1995 inghatat a bazi tat-transazzjoni milhuqa bejn il-partijiet fil-kawza precedenti – tali transazzjoni lanqas issemmiet fit-tieni kawza. Il-kawza deciza fl-1995 giet impostata fuq it-testment ta' missier il-partijiet u fuq il-kuntratt ta' xiri tal-31 ta' Marzu 1973 fejn il-partijiet kontendenti akkwistaw n-nofs indiviz li kien jappartjeni lil Carmelo Scicluna. Is-sentenza giet moghtija minghajr ma gew esebiti la t-testment u lanqas dan il-kuntratt ta' akkwist. F'dik il-kawza l-appellanti odjerna kienet ecceppiet li ma kenitx qed topponi li ssir id-divizjoni tal-fond purche` qabel tigi ivverifikata l-konsistenza ta' l-assi u l-kwoti tal-partijiet. Dik il-Qorti ma kellhiex kopja tat-testment *de quo* u b'hekk ma kenitx taf bil-legat ta' abitazzjoni favur huhom Anton Scicluna, u li lanqas kienet taf bid-decizjoni taghha kienet qed titfa' fit-triq persuna inkapacitata. Inoltre lanqas semghet il-provi tal-partijiet dwar il-kwoti rispettivi.

Hija tikkonkludi billi tirrileva li l-fatt li s-sentenza tad-9 ta' Dicembru 1995 ghaddiet in gudikat ma jfisser xejn ghaliex il-kawza odjerna "saret proprju biex timpunja dik is-sentenza li nghatat minghajr ma kellha quddiemha l-Qorti l-prova ta' dak li kien qed jintalab u mhabba f'hekk kienet sentenza monka u zbaljata u ghalhekk qeghdha tintalab ir-revoka taghha."

**<u>IR-RISPOSTA TAL-KONVENUTI KONJUGI DEBRINCAT</u>**

3.1. Skond l-appellati s-sentenza tal-Qorti tal-Prim Istanza hija gusta u timmerita konferma ghar-ragunijiet li se jigu esposti –

3.2. Il-lanjanza ta' l-appellanti pro et noe li l-kawza odjerna saret biex tattakka s-sentenza moghtija fid-9 ta' Novembru 1995 fl-ismijiet **George Debrincat noe et v. T. Scicluna** u d-digrieti u l-mandati li hargu minnha, u ghalhekk il-mewt

ta’ Anton Scicluna fil-mori tal-kawza ma kellux jittiehed in konsiderazzjoni, mhix applikabbli, stante li jirrizulta mis-sentenza li l-Qorti mkien ma pprocediet ghal xi konkluzjoni minhabba l-fatt li fil-mori tal-kawza miet l-interdett Anton Scicluna. Anzi l-Qorti kienet ferm preciza u ddistingwiet bejn l-interess personali ta’ l-attrici u l-interess taghha bhala kuratrici ta’ Anton Scicluna. Li kieku l-Qorti ghamlet dak li qed tallega l-appellanti l-Qorti ma kenitx tezamina jekk il-mejjet kellux dritt ta’ abitazzjoni fuq il-fond *de quo*.

3.3. Il-Qorti ta’ l-ewwel grad ezaminat ukoll il-mod kif tista’ tigi attakkata l-validita` ta’ sentenza li tkun ghaddiet in gudikat. L-interdett li ma kienx parti fil-proceduri msemmija, ma jistax jinghad li kellu xi interess guridiku jattakka l-validita` tas-sentenza precitata, tenut kont li tali sentenza taghmel stat biss fil-konfront tal-kontendenti li ppartecipaw fiha. L-appellanti qed tippretendi li l-Qorti taddotta procedura specjali, li ma tirrizultax mil-ligi sabiex isir ezami u apprezzament tal-provi prodotti quddiem il-Qorti fil-kawza precedenti, u jigi dikjarat jekk dik il-Qorti kenitx gustifikata tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha jew kellhiex titlob xi provi godda jew tasal ghall-konkluzjonijiet diversi. L-attrici odjerna izda, ma tistax tattakka l-validita` ta’ din is-sentenza li ghaddiet in gudikat u li tista’ biss tigi varjata fil-kazijiet u bil-proceduri strettissimi stabbiliti mil-ligi. B’hekk kienet korretta l-affermazzjoni ta’ l-ewwel Qorti f’dan ir-rigward.

3.4. Dwar l-aggravju ta’ l-appellanti li l-Qorti ta’ l-ewwel grad zbaljat meta, fid-decizjoni taghha dwar jekk kienx hemm dritt ta’ abitazzjoni favur Anton Scicluna, applikat biss l-Artikoli 352 u 696(1) tal-Kap 16, izda mhux l-artikoli 353(c), 692(2), 697 u 698 tal-Kap 16, jissotomettu li fl-ewwel lok il-Qorti kienet ezaminat jekk kenitx tirrizulta intenzjoni da parti tat-testatur li jigi kostitwit tali dritt u osservat li d-dicitura uzata fid-disposizzjoni kienet ambigwa u ma “tghidx b’mod car li tassew qed jigi stabbilit dritt ta’ abitazzjoni…”. Kien wara li ghamlet tali kunsiderazzjoni, li ziedet li apparti dan, kien hemm ukoll ostakoli ta’ natura legali ghat-tezi attrici.

3.5. L-appellati jissottomettu li huwa car li t-testatur ma kkostitwixxa ebda dritt ta' abitazzjoni, izda kien biss qed jimponi fuq l-eredi obbligu li mhux biss jipprovdulu post fejn joqghod izda anke jiehdu hsiebu f'dak li jkollu bzonn. Tant mhux veru li t-testatur ma kkontemplax il-bejgh tad-dar qabel il-mewt ta' Anton Scicluna, li kien qed jahseb li wara ghaxar snin id-dar setghet tinbiegh fuq ir-rikjesta ta' wahda mill-eredi u infatti fil-paragrafu sussegwenti pprovda li dan il-bejgh seta' jsir biss bil-kunsens taz-zewg eredi sa zmien ghaxar snin mill-mewt tieghu jew ta' huh Carmelo Scicluna. Dan gie wkoll konfermat mill-agir ta' l-attrici, li ripettutament ghamlet konvenji biex tipprova tbigh id-dar minghajr ma ghamlet ebda rizerva jew riferenza ghal xi dritt fuq id-dar favur huha. Inoltre, fiz-zewg kawzi li gew trattati quddiem il-qrati, l-appellanti odjerna qatt ma rriferiet ghal xi dritt simili, anzi kkonfermat li hija u l-konvenuta huma komproprjetarji tad-dar nofs indiviz kull wiehed. L-Artikolu 696(2) ma japplikax ghal kaz odjern. Dan l-Artikolu jipprovdi li jekk il-haga mhollija b'legat tkun ta' haddiehor meta jsir it-testment, izda ssir tat-testatur fi zmien il-mewt tieghu, il-legat ikun validu. Fil-kaz odjern izda l-proprjeta` qatt ma saret kollha tat-testatur – kienu l-eredi li xi ghaxar snin wara l-mewt tat-testatur akkwistaw in-nofs ta' zijuhom b'kuntratt tal-31 ta' Marzu 1973. Nicola Scicluna kemm meta ghemel it-testment u sa meta miet kellu biss nofs il-fond fi Pjazza Sabina.

3.6. Fir-rigward ta' l-Artikolu 353 li jirrigwarda l-prestazzjoni tal-kawzjoni, l-appellati jsostnu li l-Artikolu 353(c) mhux applikabbli peress li ma jirrizultax li d-dar kienet se tigi amministrata minn persuna u goduta minn ohra.

3.7. L-Artikolu 740 tal-Kodici Civili wkoll mhux applikabbli ghall-kaz odjern. Jissotomettu li l-argument ta' l-appellanti pro et noe li meta n-nomina ta' eredi tkun soggetta ghall-kundizzjoni, ikun hemm dekadenza awtomatika fin-nuqqas li tali kundizzjoni ma tigix osservata, u li rinunzja ghal jedd ta' l-akkrexximent tista' ssir biss jekk tkun saret ir-rinunzja ghas-sehem rispettiv tieghu mill-eredi huwa inkorett. L-ewwel Qorti kienet osservat li l-attrici kienet accettat lill-konvenuta bhala ko-eredi maghha fil-wirt ta'

missierhom fiz-zewg kawzi li kien hemm bejn il-partijiet. Fil-proceduri odjerni ma kienx gie ppruvat u ddikjarat li hemm lok ghall-akkrexximent peress li l-konvenuta ddekadiet mid-dritt ta’ eredi taghha, u mbaghad l-attrici ghazlet li tirrinunzja ghad-dritt ta’ l-akkrexximent, li huwa x-xenarju kkontemplat fl-Artikolu 740. Fil-kaz odjern, kien hemm accettazzjoni mill-attrici li l-konvenuta kienet ko-eredi maghha u l-attrici rrinunzjat ghad-dritt li titlob dikjarazzjoni li l-konvenuta ddekadiet mill-beneficcji moghtija lilha, u mhux ghad-dritt ta’ l-akkrexximent. Inoltre, r-riferenzi mill-appellanti ghall-validita` tat-transazzjoni milhuqa fil-kawzi precedenti tinvolvi diskussjoni mill-gdid ta’ dak li diga` ghadda in gudikat.

3.8. L-argumenti ta’ l-attrici, ikomplu jghidu l-appellati, dwar in-nuqqas ta’ provi li kellha l-Qorti fil-kawza numru 105/94 peress li la t-testment ma gie pprezentat u lanqas l-att li bih l-kontendenti odjerni kienu akkwistaw is-sehem indiviz ta’ Carmelo Scicluna, ma jistghux jergghu jigu diskussi mill-gdid f’din il-kawza. L-ammissjoni min-naha ta’ Theresa Scicluna tat-talbiet tal-konjugi Debrincat fil-kawza precedenti, minghajr ma din talbet li jigu pprezentati tali dokumenti tista’ tittiehed biss bhala konferma ta’ l-accettazzjoni tal-konvenuta odjerna bhala ko-eredi. F’dawk il-kawzi l-Qorti ma kenitx tenuta taghmel indagini oltre dak sottomess lilha mill-partijiet iktar u iktar fejn ma kien hemm ebda kontestazzjoni bejniethom.

## <u>KONSIDERAZZJONIJIET TA’ DIN IL-QORTI</u>

4.1. Jirrizulta li l-partijiet kontendenti fil-kawza odjerna, jigifieri Theresa Scicluna u Maria Assunta Debrincat huma ahwa, u t-tnejn ulied ta’ Nicola Scicluna, li kellu wkoll zewg subien, Lino u Anton. Nicola Scicluna miet fl-24 ta’ April 1964 u s-successjoni tieghu kienet regolata b’testment tal-4 ta’ Dicembru 1958 redatt minn Nutar John Busuttil. F’dan it-testment huwa kien halla l-usufrutt universali tal-proprjeta` tieghu lil huh ghazeb Carmelo Scicluna, u nnomina lit-tfal tieghu bniet, Theresa Scicluna u Maria Assunta Debrincat, eredi tieghu bil-kundizzjoni -

"1. Illi l-istess eredi jkunu obbligati fi kwalunkwe zmien jipprestaw f'darhom l-alimenti necessarji lil huhom Antonio Scicluna, iben iehor tat-testatur u jipprodigawlu l-kuri kollha li jkollu bzonn u dana barra mill-abitazzjoni fl-imsemmija dar li tinsab fi Pjazza Sabina, Vittoria, Ghawdex; izjed 'il fuq imsemmija.

2. Illi hadd mill-istess eredi ma jkun jista' jbiddel l-istat attwali jew jibni mill-gdid l-imsemmija dar fi Pjazza Sabina jekk mhux bil-kunsens taz-zewg werrieta, ulied it-testatur, u dana matul l-ewwel ghaxar snin mill-mewt tat-testatur jew ta' l-uzufruttwarju infraskritt skond min fosthom ikun is-superstiti."[1]

4.2. Dan l-istess Artikolu kien gie wkoll inserit fit-testment li Carmelo Scicluna kien ghamel dik in-nhar stess ukoll ghand in-Nutar Busuttil. Carmelo Scicluna, kien il-proprjetarju tan-nofs indiviz l-iehor tal-fond bin-numri 28, 29 u 30 fi Pjazza Sabina. Indubbjament, tali kundizzjonijiet kienu gew inseriti biex jigi protett Anton (jew Antonio) Scicluna, hu l-kontendenti, li kien mentalment inkapacitat mit-twelid. Imbaghad, b'kuntratt tal-31 ta' Marzu 1973, in atti Nutar Joseph Spiteri, il-partijiet kontendenti akkwistaw in-nofs indiviz mill-proprjeta` fi Pjazza Sabina li kien jappartjeni lil zijuhom Carmelo Scicluna. Mix-xiehda tal-partijiet u l-atti pprezentati minnhom jirrizulta li sussegwentement dan ta' l-ahhar biddel it-testment li kien ghamel fl-1958 u b'testment iehor istitwixxa lill-attrici odjerna bhala unika eredi tieghu, bl-obbligu li hija tibqa' tindokra lil huha inkapacitat. Carmelo Scicluna miet fit-3 ta' Mejju 1975.

4.3. Minn qari ta' l-atti tal-kawza jidher li l-partijiet kienu familja wahda ghal bosta snin u lkoll kienu jghinu lil xulxin f'dak li kien ikollhom bzonn u skond il-mezzi taghhom. Jidher li l-inkwiet bejn il-partijiet inqala' fl-1991, ossija meta kemm il-missier u z-ziju patern kienu mietu u fil-fond in kwistjoni kienu ghadhom jirrisjedu biss l-attrici u huha Anton Scicluna – il-partijiet, izda ma jaqblux fuq dak li ta lok ghal tali inkwiet. Skond l-appellanti, ohtha kienet bdiet

[1] Dok A a fol 9 et seq

tghid li riedet tbiegh il-post biex tiehu sehemha. Fir-rikors ta' appell taghha tispjega li "fil-fatt kienu saru zewg konvenji ma' terzi biex ibieghu il-post pero` fiz-zewg kazi l-ideja kienet illi wara li jitwaqqa l-post mix-xerrej dana jibni blokk ta' flats u jaghtihom flat kull wiehed pero` dawn il-konvenji waqghu ghaliex ma hargux permessi ghall-bini fuq il-post. Meta raw hekk il-konvenuti riedu li jbieghu l-post u l-attrici hemmhekk qaltilhom li l-konvenuta kienet iddekadiet minn eredi ta' missierha. Il-preokkupazzjoni ta' l-attrici kienet dejjem li b'xi mod hija u huha inkapacitat ikunu jistghu jibqghu jabitaw fil-post jew f'xi flat li jista' jinbena minfloku."[2] Il-konvenuti, min-naha l-ohra jsostnu li l-inkwiet inqala' minn meta l-attrici skopriet li fit-tieni testment ta' Carmelo Scicluna kienet giet nominata hi biss eredi tieghu u ppretendiet li kellha tkun proprjetarja ta' tlett kwarti tal-fond fi Pjazza Sabina[3] - b'hekk kienu kostretti jintavolaw il-kawza fl-ismijiet **Assunta Debrincat v. Tessie Scicluna** (Cit. nru – 157/1991).

In fatti, mill-atti processwali u x-xiehda tal-partijiet jirrizulta li <u>din hija t-tielet kawza in fila li saret bejn il-partijiet odjerni dwar l-eredita` provenjenti lilhom minn missierhom</u>. Jinghad izda, li hadd mill-partijiet ma pprezenta almenu kopja tas-sentenzi moghtija mill-Qorti fiz-zewg kawzi li saru qabel din, u li ghalihom issir referenza kostantement. Il-partijiet izda, fil-bosta referenzi li jaghmlu fl-atti u x-xiehda taghhom jaqblu fuq liema huma dawn il-kawzi. L-ewwel kawza fl-ismijiet **Assunta Debrincat et v. Theresa sive Tessie xebba Scicluna[4],** kienet kawza dikjaratorja fejn l-atturi kienu talbu l-Qorti tiddikjara li l-wirt ta' Nikola Scicluna kien iddevolva kwantu ghal nofs favur taghhom u ghal nofs favur Theresa Scicluna. Din il-kawza kienet giet tranzatta, wara li fis-seduta tas-26 ta' Awissu 1993 quddiem il-Perit legali, Tessie Scicluna, l-appellanti odjerna, kienet irrikonoxxiet lill-ohtha Assunta Debrincat bhala ko-eredi ta' missierhom. Imbaghad fid-9 ta' Novembru 1995, giet deciza l-kawza fl-ismijiet **George Debrincat et v. Theresa sive Tessie Scicluna**[5], fejn il-

[2] fol. 9-10 tar-Rikors ta' l-Appell
[3] Nota ta' l-osservazzjonijiet pprezentata quddiem l-ewwel Qorti – fol. 151-152
[4] Cit. nru – 157/1991
[5] Cit. nru – 105/1994

Qorti ordnat il-bejgh in licitazzjoni tal-fond ipposedut in komuni bejn il-kondividendi. Hawnhekk il-konjugi Debrincat kienu talbu d-divizjoni tal-proprjeta`, liema talba ma kenitx giet opposta minn Tessie Scicluna, purche` li qabel xejn tigi verifikata l-konsistenza ta' l-assi ereditarji u l-kwoti tal-partijiet. Izda l-perit legali li kien gie appuntat biex jaghmel id-divizjoni kien ikkonkluda li l-fond ma kienx kommodament divizibbbli u b'hekk kien gie ordnat il-bejgh b'licitazzjoni tal-fond fi Pjazza Sabina. Sussegwentement inhareg mandat ta' zgumbrament kontra l-attrici. Din ghalhekk wara li hadet parir legali, talbet il-permess lill-Qorti li tigi nominata kuratrici legali ta' huha biex dan ikun jista' jiddefendi d-drittijiet tieghu u saret il-kawza odjerna biex jigi annullat il-bejgh in licitazzjoni tad-dar fi Pjazza Sabina, u dana ghaliex hija ssostni li huha kellu d-dritt ta' abitazzjoni fuq il-fond in kwistjoni, liema dritt kien gie kompletament injorat mill-Qorti fid-decizjoni taghha tad-9 ta' Novembru 1995. <u>Jigi rilevat, izda, li fil-kawza odjerna l-attrici ma hix qed tidher biss ghan-nom u in rapprezentanza ta' huha interdett izda qed tidher ukoll fl-interess taghha personali</u>, kif korrettement ipprecizat il-Qorti ta' l-ewwel grad fis-sentenza taghha tas-7 ta' Marzu 2003. Il-Qorti ta' l-ewwel grad, izda ma qabblitx ma' dak sottomess mill-attrici pro et noe u cahdet it-talbiet taghha bl-ispejjez. B'hekk sar l-appell odjern b'diversi aggravji ta' natura legali, li se jigu issa trattati minn din il-Qorti.

5.1. Fl-ewwel lok l-attrici tillanja li peress li l-kawza odjerna saret biex tattakka is-sentenza moghtija mill-Prim Awla fid-9 ta' Novembru 1995 u d-digrieti u l-mandati li hargu minnha, kellhom jigu ezaminati c-cirkostanzi f'dak il-mument, u ghalhekk il-mewt ta' Anton Scicluna fil-mori ta' din il-kawza ma ghandux jittiehed in konsiderazzjoni, ghaliex jekk is-sentenza li qed tigi attakkata kienet nulla meta giet moghtija ma setghetx tigi validata bil-mewt ta' l-interdett. Fil-fehma konsidrata ta' din il-Qorti dan l-aggravju huwa infondat. Kif sewwa ssottomettew l-appellati fir-risposta taghhom ghar-rikors ta' l-appell ma jirrizultax illi l-ewwel Qorti pprocediet ghal xi konkluzjoni minhabba l-fatt li Anton Scicluna miet fil-mori tal-kawza. Dik il-Qorti semplicement qalet li l-attrici kienet qed tidher ukoll f'isem huha interdett Anton Scicluna u ziedet tghid li

"..issa wara l-mewt tieghu fil-mori tal-kawza, ghall-interessi ta' l-eredita` tieghu." Il-Qorti ta' l-ewwel grad imbaghad kompliet billi ezaminat l-interess li seta' kellha l-attrici f'isimha proprio u, wara li kkonkludiet li l-attrici ma setghetx terga' tqanqal kwistjonijiet godda dwar xi haga li kienet giet deciza b'mod definittiv, ghaddiet biex tikkunsidra jekk l-interdett kellux xi drittijiet li gew injorati mill-Qorti fis-sentenza tad-9 ta' Novembru 1995. Dan l-ezami akkurat tal-Qorti ta' l-ewwel grad ma kienx se jsir kieku l-Qorti ghamlet dak allegat mill-appellanti stante li Anton Scicluna kien diga` mejjet meta giet deciza l-kawza odjerna.

6.1. It-tieni aggravju ta' l-appellanti jitratta d-decizjoni tal-Qorti ta' l-ewwel grad li Anton Scicluna ma kellux dritt ta' abitazzjoni fuq il-fond fi Pjazza Sabina. L-appellanti tillanja li dik il-Qorti ma setghetx tqajjem minn jeddha eccezzjonijiet li ma kienux inghataw mill-konvenuti, ossija li l-formalitajiet rikjesti mill-Artikoli 696(1) u 352 tal-Kodici Civili ma kienux gew segwiti. Inoltre zzid tghid li d-decizjoni tal-Qorti dwar dawn l-artikoli kienet skorretta ghaliex dik il-Qorti ma ratx is-subinciz (2) ta' l-Artikolu 696 u z-zewg artikoli sussegwenti ghalih. Tissottometti li fir-rigward tal-formalitajiet rikjesti mill-Artikolu 352 tal-Kodici Civili, l-ewwel Qorti wkoll naqset li tezamina dak provdut mill-paragrafu (c) ta' l-Artikolu 353. Izzid tghid li anke li kieku Carmelo Scicluna ma halliex id-dritt ta' abitazzjoni fuq il-fond *de quo* lil Anton Scicluna, dejjem japplikaw l-Artikoli 698 u l-Artikolu 353(c) tal-Kap. 16. B'hekk il-konkluzzjoni ta' l-ewwel Qorti li Anton Scicluna ma kellux xi dritt ta' abitazzjoni fuq il-fond *de quo* li kien jimmerita protezzjoni ghar-ragunijiet moghtija minn dik il-Qorti, hija zbaljata.

6.2. Ibda biex, ghandu jinghad illi l-appellanti mhix korretta meta tghid li kienet il-Qorti li minn jeddha qajmet il-kunsiderazzjonijiet legali kontenuti fl-Artikoli 696 et seq. u l-Artikolu 353 tal-Kap 16. Jirrizulta invece li tali difiza fil-fatt kienet tqajmet mill-konvenuti fin-nota ta' osservazzjonijiet kopjuza pprezentata minnhom quddiem il-Qorti ta' l-ewwel grad, kif wara kollox, qalet l-istess Qorti fis-sentenza appellata. Minn qari tas-sentenza appellata

jidher li l-Qorti kienet ezaminat l-Artikolu 6 tat-testment ta' missier il-partijiet[6] u kkonkludiet li d-dicitura uzata kienet ambigwa u li t-testment ma kienx jghid b'mod car li kien qed jigi stabbilit dritt ta' uzu favur Anton Scicluna. Imbaghad qablet ma' dak sottomess mill-konvenuti fin-nota ta' osservazzjonijiet taghhom, cioe` li kien hemm wkoll ostakoli legali ohra ghat-tezi attrici.

6.3. Dwar dawn il-provvedimenti tal-Kodici Civili jigi rilevat li gej:-

i) L-Artikolu 696(1) tal-Kap. 16 jipprovdi li biex legat ta' xi haga ta' haddiehor ikun validu, t-testatur irid jiddikjara espressament li huwa konxju li l-haga jew il-jedd tappartjeni lil haddiehor. Tali legat izda, huwa validu nonostante n-nuqqas ta' din id-dikjarazzjoni, jekk, il-haga appartenenti lit-terz fiz-zmien li sar it-testment, tkun saret tat-testatur fiz-zmien tal-mewt tat-testatur (Art. 696(2)). Fil-kaz odjern id-dar ma kenitx tappartjeni kollha lit-testatur meta gie redatt it-testment, u lanqas sal-mewt tat-testatur. Nicola Scicluna fl-1964 – in-nofs l-iehor kien jappartjeni lil huh, li bieghu lil eredi odjerni fl-1973. Ghaldaqstant l-Artikolu 696(2) ma japplikax hawnhekk. Japplika izda l-Artikolu 698 tal-Kap. 16 li jipprovdi li, meta t-testatur huwa s-sid ta' bicca mill-haga mhollija b'legat, il-legat jiswa biss ghal dik il-bicca, meta ma tkunx saret dikjarazzjoni fit-testment mit-testatur li hu jaf li l-haga jew il-jedd fuq il-haga ma kenitx kollha tieghu. B'hekk fil-kaz odjern, jekk gie kostitwit d-dritt ta' abitazzjoni favur Anton Scicluna dan kien jiswa biss ghan-nofs indiviz li kien jappartjeni lil Nicola Scicluna. Fir-rigward tan-nofs li kien jappartjeni lil Carmelo Scicluna, tali jedd ma jezistix stante li Carmelo Scicluna kien ittrasferixxa s-sehem tieghu lin-neputijiet tieghu Tessie Scicluna u Maria Assunta Debrincat bl-att ta' trasferiment li sar fl-1973, qabel ma huwa miet f'Mejju 1975. F'dan ir-rigward jigi pprecizat illi l-partijiet jaqblu li Carmelo Scicluna kien bidel it-testment tieghu favur l-appellanti odjerna u l-partijiet imkien ma jghidu illi t-testment tal-1958 ma kienx gie revokat, izda

[6] fol. 10

dan it-testment qatt ma gie pprezentat  fl-atti ta’ din il-kawza.

ii)  Fir-rigward ta’ l-Artikolu 352 li jitkellem fuq il-kawzjoni rikjesta mil-ligi fil-kaz ta’ terza persuna li tgawdi proprjeta` ta’ xi hadd iehor ghaliex giet imhollija l-uzufrutt jew id-dritt ta’ l-uzu jew ta’ abitazzjoni, l-appellanti tghid li l-kawzjoni hawnhekk mhix necessarja stante li japplika l-Artikolu 353(c) li jipprovdi li “l-uzufruttwarji ta’ hwejjeg amministrati jew li ghandhom ikunu amministrati minn haddiehor” mhux obbligat li jaghti garanzija.  Dan ir-ragunament izda mhux korrett peress li ma jirrizultax li l-proprjeta` kienet ser tigi amministrata minn persuna u gawduta minn persuna ohra – l-obbligu tal-kawzjoni kien ghalhekk applikabbli.

6.4.  Apparti dan, pero`, ghandu jigi pprecizat illi din il-Qorti ma taqbilx mad-decizjoni ta’ l-ewwel Qorti li ma kien gie stabbilit ebda dritt ta’ abitazzjoni favur l-interdett Anton Scicluna fl-Artikolu sitta tat-testment ta’ Nicola Scicluna. L-Artikolu in kwistjoni jinnomina lil Tessie Scicluna u Assunta Debrincat eredi ta’ missierhom bil-kundizzjoni  -

“1. Illi l-istess eredi jkunu obbligati fi kwalunkwe zmien jipprestaw f’darhom l-alimenti necessarji lil huhom Antonio Scicluna, iben iehor tat-testatur u jipprodigawlu l-kuri kollha li jkollu bzonn u dana barra mill-abitazzjoni fl-imsemmija dar li tinsab fi Pjazza Sabina, Vittoria, Ghawdex izjed il-fuq imsemmija.

2. Illi hadd mill-istess eredi ma jkun jista’ jbiddel l-istat attwali jew jibni mill-gdid l-imsemmija dar fi Pjazza Sabina jekk mhux bil-kunsens taz-zewg werrieta, ulied it-testatur, u dana matul l-ewwel ghaxar snin mill-mewt tat-testatur jew ta’ l-uzufruttwarju infraskritt skond min fosthom sejjer ikun is-superstiti.”[7]

6.5.  Ghalkemm huwa veru li d-dictura uzata hija wahda ambigwa u  kemmxejn infelici, kien obbligu tal-Qorti ta’ l-ewwel grad li tezamina sew il-kliem testwali tat-testment u mhux semplicement tissodisfa ruhha li l-kliem ma kienx

[7] Dok A a fol. 9 *et seq*.

car u li kien hemm xi ostakoli legali ohra. Il-Qorti kienet obbligata tezamina jekk il-klawsola in kwistjoni kenitx tinnecessita l-interpretazzjoni taghha, ibbazata fuq ix-xiehda moghtija fil-proceduri quddiemha. Dan ghaliex –
"Il-volonta` tat-testatur hija dik li tirrizulta mill-att innifsu u b'rispett lejn dan il-principju kemm l-awturi kif ukoll il-gurisprudenza dejjem irritenew li mhux legittimu li tinghata interpretazzjoni ta' dak li xtaq it-testatur billi tali interpretazzjoni tista' tghawweg dak li fil-verita` ried it-testatur u b'hekk tmur kontra dik il-volonta` proprja hekk kif tirrizulta mill-qari tad-disposizzjoni testamentarja. Jekk id-disposizzjoni testamentarja hija cara, ghandha tinghatha effett.[8]"

6.6. Fil-fehma ta' din il-Qorti ghalkemm il-kliem uzati meta gie redatt it-testment ma humiex mill-iktar cari, minn ezami ta' l-ewwel paragrafu jidher li t-testatur ma kienx semplicement qed jobbliga lill-eredi nominati minnu li jiehdu hsieb huhom anke fid-dar taghhom u li jipprovdulu dak li jkollu bzonn, izda ried ukoll li Anton Scicluna jkompli jghix fid-dar li fiha kien jirrisjedi fiz-zmien li fih sar it-testment, ghallinqas ghall-ewwel ghaxar snin mill-mewt tas-superstiti bejnu u bejn huh Carmelo Scicluna. Dan jidher car mill-kliem uzati minnu fit-tieni paragrafu ta' l-Artikolu. It-testatur jghid li hadd mill-eredi nominati ma setgha jbiddel "l-istat attwali jew jibni mill-gdid l-imsemmija dar" wahdu izda fl-ewwel ghaxar snin mill-mewt ta' l-ahhar superstiti kien rikjest il-kunsens tat-tnejn biex dan l-istat jinbidel jew il-kundizzjoni tal-proprjeta` tinbidel. L-istat attwali jinkludi l-fatt li fid-dar kien jghix Anton Scicluna li kien gie mholli d-dritt ta' abitazzjoni ghallinqas fuq sehem Nicola Scicluna. Dan maghdud, jigi rilevat illi dan l-aggravju, ghallinqas ghal dak li jirrigwarda l-mertu, huwa llum sorpassat bil-mewt ta' l-interdett Anton Scicluna li miet fl-20 ta' Gunju 2000[9] - izda l-konkluzjoni raggunta minn din il-Qorti sejra tittiehed in konsiderazzjoni meta hija tigi biex tiddeciedi dwar il-hlas ta' l-ispejjez gudizzjarji.

7.1. Aggravju iehor ta' l-appellanti jirrigwarda d-dekadenza o meno tal-konvenuta mill-kwalita` taghha ta'

[8] **Maryrose Mifsud v. Dr. J. Bartolo noe** Appell Superjuri deciz 16 ta' April 2004
[9] certifikat tal-mewt a fol. 135

eredi minhabba li din ma haditx hsieb huha kif kien impost mit-testatur.  L-appellanti tissottometti li ma kien hemm ebda dubbju li l-appellata kienet iddekadiet minn dan il-laxxitu ghaliex din mhux talli qatt ma pprestat lil huha ebda servigi jew ghajnuna, izda waslet biex titfghu fit-triq minghajr ebda abitazzjoni alternattiva, u dan biex tkun tista' tbiegh il-fond u tiehu r-rikavat.  Inoltre zzid tghid li d-decizjoni tal-Qorti li anke li kieku stess l-konvenuta kienet iddekadiet minn tali dritt, l-attrici kienet rrinunzjat ghal kwalunkwe dritt li setghet qatt akkwistat b'rizultat ta' din id-dekadenza, meta ttransigiet l-ewwel kawza li kienet saret bejniethom u rrikonoxxiet lil ohtha bhala ko-eredi maghha. Tillanja li din it-transazzjoni hija nulla ghaliex  -

i) hadd, lanqas il-Qorti, ma jista' jhassar u jinjora kondizzjoni tassattiva tat-testatur,

ii) transazzjoni fuq fondi immobiljari u ereditajiet hija nulla jekk ma ssirx b'att pubbliku;

iii) l-Artikolu 740 tal-Kap. 16 jghid espressament illi meta jkun hemm lok ghall-akkrexximent, l-eredi ma jistax jirrinunzja ghal dak li jizdied ma' sehemu jekk ma jirrinunzjax ghal sehemu stess.

Ghaldaqstant skond l-appellanti sehem l-appellata kien ghadda favur l-appellanti bl-operat ta' l-Artikolu 737 u l-ebda haga li setghet ghamlet l-appellanti ma setghet tirrimedja ghal dan il-fatt.

7.2. Ghandu jinghad mill-ewwel, kif sewwa ddecidiet l-ewwel Qorti, li kieku dan l-ilment ta' l-appellanti kellu jigi konsiderat minn din il-Qorti, il-Qorti tkun qed tmur oltre dak pprovdut mil-legislatur fil-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili, billi tipprovdi rimedju iehor oltre dawk ta' l-appell u tar-ritrattazzjoni fil-kaz li parti tkun trid tattakka decizjoni precedenti tal-Qorti.  Jigi pprecizat li fil-kawza fl-ismijiet **Assunta Debrincat v. Tessie Scicluna** (cit. nru – 157/91) l-appellanti odjerna kienet accettat lil ohtha l-konvenuta bhala ko-eredi maghha ta' l-assi ta' missierhom u ghalhekk peress li ma kien sar ebda appell minn dik il-kawza, illum dik il-kawza ghaddiet in gudikat u b'hekk hija ma tistax titlob dikjarazzjoni lill-Qorti dwar id-dekadenza o

meno ta' ohtha mill-assi ereditarji ta' missierhom. Inoltre, l-Artikolu msemmi minnha mhux rilevanti stante li jitkellem fuq id-dritt ta' akkrexximent. Huwa inutili li issa l-appellanti tipprova tattakka l-validita` tat-transazzjoni li l-partijiet kontendenti waslu ghaliha fil-kawza precitata – dan setghet ghamlitu fil-mument propizju permezz ta' appell mis-sentenza, jew talba ghal ritrattazzjoni, jekk kienu jezistu ir-rekwiziti ghal dan, u mhux issa, bosta snin wara. Li kieku l-Qorti kellha tikkonsidra l-validita` o meno tat-transazzjoni msemmija din tkun qed tiddiskuti mill-gdid dak li diga` ghadda in gudikat.

7.3. L-istess jista' jinghad dwar l-ahhar aggravju ta' l-appellanti. Hawnhekk hija ssostni li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta qalet li r-rinunzja ta' l-attrici kompliet tinghata izjed effett bid-decizjoni li biha gie ordnat il-bejgh in licitazzjoni tal-fond *de quo*, a bazi tat-transazzjoni li kienu waslu ghaliha l-partijiet, ghaliex it-tieni kawza giet ibbazata biss fuq it-testment ta' missierhom u fuq il-kuntratt ta' akkwist ta' sehem Carmelo Scicluna, li pero` qatt ma gew esebiti fl-atti ta' dik il-kawza. B'hekk dik il-Qorti ma kenitx taf bid-dritt ta' abitazzjoni li kellu Anton Scicluna. Tkompli tghid li l-ewwel Qorti kienet zbaljata ghaliex il-fatt li s-sentenza attakkata bil-kawza odjerna ghaddiet in gudikat ma jfisser xejn billi l-ghan ta' din il-kawza huwa proprju dak li tigi impunjata sentenza li nghatat minn Qorti li ma kellhiex prova ta' dak li kien qed jintalab.

7.4. Ikun inutli li wiehed jerga' jirrepeti dak li intqal qabel mill-ewwel Qorti dwar il-mod kif tista' tigi impunjata sentenza ta' dawn il-Qrati. Jinghad biss li din il-Qorti tikkondividi pjenament dak li gie hemm ritenut. L-appellanti setghet facilment esebiet id-dokumenti li qed issemmi issa, fil-mument propizju quddiem il-Qorti adita mill-kawza in kwistjoni, jew irrikorriet ghar-rimedji moghtija mill-ligi. Dan in-nuqqas taghha seta' biss jigi konsiderat bhala accettazzjoni tal-fatti kif kienu qed jigu pprezentati lill-Qorti u bhala konferma li hija ma kellha ebda pretensjoni ulterjuri fil-konfront ta' ohtha l-konvenuta.

7.5. Finalment, ikun opportun hawnhekk li ssir referenza ghad-decizjoni tal-Prim Awla fl-ismijiet **Anthony J. Bartolo noe v. John Mary Vassallo nomine et**, deciza fit-3 ta' Ottubru 2002 fejn il-Qorti trattat proprju procedura simili ghal dik odjerna u spjegat illi –
"Il-procedura ta' "*restitutio in integrum*", li qed tadotta s-socjeta' attrici, kienet tezisti fi-ligi antika ta' pajjizna, u l-Qrati taghna kienu jhossu li kellhom d-diskrezzjoni biex, f'cirkustanzi specjali, ihassru jew jimmodifikaw sentenza li ghaddiet in gudikat. Dan huwa poter li kien vestit fil-*Praetor Ruman*, u l-Imhallfin taghna kienu jikkunsidraw li kellhom l-istess poteri u fakultajiet li kellu dan l-uficcjal; dan ir-rimedju, kien fil-fatt, uzat biex tithassar sentenza meta l-gudikat kien ihoss li, fic-cirkostanzi specjali tal-kaz, hekk kien jixraq.

"Meta fis-seklu dsatax, gie promulgat il-Kodici ta' Procedura, dan ir-rimedju ma giex inkorporat fil-Kodici l-gdid, u giet, minflok, regolata s-sistema ta' ritrattazzjoni. B'din l-ahhar procedura, sentenza li ghaddiet in gudikat, tista' wkoll tigi mhassra, izda biss f'cirkustanzi partikolari specifikati fl-istess Kodici, u basta l-azzjoni ssir f'terminu preskritt u bil-procedura appozita. Il-legislatur, donnu, ma riedx li sentenza definittiva tkun tista' tigi mhassra fi kwalunkwe zmien jew ghal-kwalunkwe raguni li jkun lest jaccetta l-gudikant; ic-cirkustanzi li jistghu jwasslu ghat-thassir tas-sentenza, ma baqghux aktar fid-diskrizzjoni tal-gudikant (li seta' jaccetta jew ma jaccettax cirkustanza partikolari skond kif jidhirlu hu li kien gust), izda gew definiti b'mod oggettiv fil-ligi.

"*Nonostante* din il-bidla, kien hawn, pero` minn baqa' jahseb li l-istitut ta' ritrattazzjoni ma sosstitwix l-istitut antik ta' "*restitutio in integrum*", u dan peress li l-Kodici ta' Procedura il-gdid, ghalkemm ma jirriferrix ghal dak l-istitut, ma jhassrux espressament. Il-gurista Malti, Paolo Debono, fl-istudju tieghu "*Storia della Legislazione*" jghid (pag. 323), li l-istitut ta' ritrattazzjoni kien mahsub biex jissostitwixxu l-abbuzi li kienu jsiru minhabba l-incertezza li kien johloq ir-rimedju antik Ruman. Fl-1861, pero` l-Imhallef Salvatore Naudi kien ta decizjoni (riportata fil-Volum II.226) fejn esprima l-opinjoni li l-Kodici ta'

Procedura l-gdid ma kienx hassar ir-rimedji l-antiki, u l-Qorti xorta wahda kien baqghala l-poter li thassar sentenza kull meta, fid-diskrezzjoni taghha, kien jidrilha opportun.

“Din l-incertezza baqghet tipprevali ghal certu zmien, sakemm l-Onorevoli Qorti ta’ l-appell, f’decizjoni importanti li tat fit-12 ta’ Lulju, 1965, fil-kawza “Misrahi vs Cassar”, qalet car u tond illi r-rimedju tar-restituzzjoni *in integrum* bhala istitut indipendenti ta’ impunjazzjoni ta’ sentenzi definittivi ghandu jitqies li gie abbolit meta, fis-sistema tal-ligi taghna, gie organizzat l-istitut tar-ritrattazzjoni. Din il-posizzjoni giet konfermata mill-istess Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fil-kawza “Degabriele vs Gulia” deciza fil-5 ta’ Frar, 1968, fejn intqal li r-rimedju ta’ *restitutio in integrum* “mill-introduzzjoni tar-rimedju tar-ritrattazzjoni limitata ghal-kazijiet specifici, m’ghadux jezisti izjed fis-sistema legali taghna riferribilment ghas-sentenza.

“Din l-istess posizzjoni ttiehdet mill-Onorabbli Qorti ta’ l-appell fil-kawza “**Cauchi v. Dimech et**” deciza fit-3 ta’ Lulju, 1995, fejn spjegat illi r-rimedji biex tigi attakkata sentenza definittiva tal-Qorti huma l-appell u r-rimedju straordinarju tar-ritrattazzjoni; kieku kien mod iehor, osservat dik l-Onorabbli Qorti, allura sentenza qatt ma ssir definittiva u qatt ma jista’ jkun hemm ezekuzzjoni taghha.

“Ricentement imbaghad l-istess Onorabbli Qorti ta’ l-appell, fil-kawza ”**Bugeja v. Azzopardi**” deciza fid-19 ta’ Gunju, 2001, regghet osservat li l-ligi procedurali tistabilixxi tassattivament ir-rimedji ta’ l-appell u tar-ritrattazzjoni biex jigu mpunjati sentenzi; m’humiex konsentiti li jigu adottati xi rimedji ohra oltre dawk dettati mill-ligi. Il-kuncett tar-*restitutio in integrum*, kompliet tghid dik il-Qorti, m’huwiex aktar accessibili f’cirkostanzi bhal dawn sa mill-promulgazzjoni tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili bl-Ordinanza numru XI tal-1856 li ntroduca l-istitut ta’ ritrattazzjoni…

“Din il-Qorti tinnota li anke din il-Qorti diversement presjeduta, kienet hadet din il-linja f’sentenzi taghha, bhal, per ezempju, id-decizjoni moghtija fis-7 ta’ Novembru,

1989, fil-kawza “**Sciberras v. Hili**”, u dik moghtija fl-14 ta’ Frar, 1997, fil-kawza “**Giordmaina v. Vella**”.

“Illum, jista’ jizdied, hemm rimedju iehor biex tigi mhassra sentenza definittiva, barra mir-rimedji indikati ta’ appell u ritrattazzjoni, u dan bil-procedura ta’ rikors kostituzzjonali meta jkun allegat ksur tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem (ara “**Cuschieri v. Prim Ministru et**”, deciza fis-7 ta’ Frar, 1996).”

7.6. Ghal dawn ir-ragunijiet, l-aggravji ta’ l-attrici m’humiex fondati u qeghdin ghalhekk jigu respinti hlief ghall-fatt li effettivament din il-Qorti sabet li kien hemm dritt ta’ abitazzjoni favur Anton Scicluna, li pero` miet fil-mori tal-kawza – u dan il-fatt ghandu jigi rifless fil-kap ta’ l-ispejjez. Konsegwentement tiddeciedi billi, ghar-ragunijiet suesposti, tichad l-appell ta’ l-attrici proprio et nomine b’dan li l-kap ta’ l-ispejjez kwantu ghaz-zewg istanzi ghandu jigi spartit hekk: tlieta minn kull erba’ partijiet ($^{3}/_{4}$) mill-attrici proprio et nomine u r-rimanti kwarta parti ($^{1}/_{4}$) mill-konvenuti appellati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------